

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Lulju 2014

dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

(2014/956/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91, 100(2), 207 u 212, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, għandu jsir ftehim dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾ ("il-Ftehim") permezz ta' protokoll għall-Ftehim ("il-Protokoll"). F'konformità mal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni, għal tali adeżjoni għandha tapplika proċedura ssimplifikata, li permezz tagħha jiġi konkluż protokoll mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament fisem l-Istati Membri, u mill-pajjiżi terzi kkonċernati.
- (2) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati. In-negozjati mal-Federazzjoni Russa ġew konklużi b'suċċess. Dan ġie kkonfermat fi skambju ta' noti fl-24 ta' Settembru 2013.
- (3) Il-Protokoll għandu jiġi ffirmat fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (4) Il-konklużjoni tal-Protokoll hija soġġetta għal proċedura separata li tikkonċerna kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (5) Fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2013, il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja minn dik id-data,

⁽¹⁾ ĠUL 327, 28.11.1997, p. 3.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar lill-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu jkun applikat fuq bażi provviżorja, mill-1 ta' Lulju 2013, sa meta jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

S. GOZI
